MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Numru 955/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Ramon Mercieca)**

**vs**

**Andrew Gatt ta' 17-il sena, iben Louis**
**u Maria nee Agius, imwieled Pieta' nhar it-18 ta' Mejju, 1988,**
**u li toqghod 'Gnien Benna', Triq il-Wied, Iklin, detentur**
**tal-karta ta' l-identita' bin-numru 245288 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Andrew Gatt li gie akkuzat talli matul il-lejl bejn l-4 u l-5 ta' Ottubru, 2005 minn Triq il-Parrocca gewwa n-Naxxar

(1) ikkommetta serq ta' mutur ta' l-ghamla Honda 70 bin-numru ta' registrazzjoni FAN-985 ghad-dannu ta' l-istess sid Francesco Galea min-Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa li ma jeccedix il-mitt lira Maltin (Lm 100) u dan bi ksur tal-artikolu 261(f) u (g), 270 u 271(g) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta' wara dawn id-dati, f'dawn il-gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikol 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avuakat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat.

Rat il-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat u l-eta' tieghu.

Rat l-artikoli 261, 270, 271 tal-Kapitlu 9 u ssibu hati ta' l-istess. Tqis li l-artikolu 334 assorbit fir-reat principali.

Issibu hati u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------